Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 2/2017

**Matthew Vella**
**Editor Malta Today**
**(appellat)**

**Vs**

**Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (appellanti), u b' digriet tal-5 ta' Mejju 2016 iddaħħlet Automated Revenue Management Services Ltd**

5 ta' Ottubru, 2018.

1. Fil-15 t'April 2013, a tenur tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellat Vella talab lil Automated Revenue Services Management Ltd (ARMS Ltd) għal, '*statement of outstanding dues to ARMS by holding companies representing Partit Laburista and Partit Nazzjonalista ... specifically for ARMS to provide an updated statement of the balance owed to the company by two political parties, Partit Laburista and Partit Nazzjonalista, for the provision of electricity and water, as of 31st March 2013*'.[1]

2. Fit-2 ta' Mejju 2013 is-soċjetà ARMS Ltd ċaħdet l-imsemmija talba[2] '*because the documents requested are excluded from the scope of the Freedom of Information Act by virtue of Article 5, specifically, Article 5(1)(f) thereof of the Act, being documents that are held by ARMS, as a commercial partnership in which the Government or another public authority has a controlling interest and that the documents requested relate to the commercial activities of ARMS as a commercial partnership.'*

3. Fid-9 ta' Mejju 2013 l-appellat talab lill-ARMS Ltd terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha[3] iżda fl-24 ta' Mejju 2013 hija tenniet li ma setgħatx tilqa' t-talba tiegħu abbażi tal-istess raġunijiet indikati fid-deċiżjoni tagħha.[4]

---

[1] **Dok C** a fol. 15 tal-proċess numru 1/2017 fl-ismijiet premessi.
[2] **Dok D** a fol. 18 – 19 tal-proċess numru 1/2017 fl-ismijiet premessi.
[3] **Dok E** a fol. 20 tal-proċess numru 1/2017 fl-ismijiet premessi.

4. L-appellat ma kienx sodisfatt b' din it-tweġiba u fit-28 ta' Mejju 2013 talab lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data sabiex jirrevedi l-każ '*also stating that ARMS are not exempt from article 4 of the Act, and questioning whether public interest wouldn't be served by having the information'*.[5]

5. Permezz ta' deċiżjoni datata 12 ta' Settembru 2013 il-Kummissarju għall-Infomrazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data iddeċieda kif ġej:

> *'There is no doubt that one of the main purposes underlying the enactment of the Freedom of Information Act is precisely to address and serve the public interest. However, the implementation of the Act must be made within, and cannot depart from, he legal parameters laid down in the same Act. While ARMS are not exempt from the provisions of article 4 of the Act, that article does not bind any public authority, in this case ARMS, to furnish Mr Vella with the requested documentation.*
>
> *The statement of outstanding dues to ARMS by the Labour and Nationalist Parties and thier respective companies, relates to the commercial activities of the commercial partnership between ARMS, EMC and WSC and is therefore excluded from the scope of the Act, specifically in virtue of sub-article 5(1)(f). This exclusion is not reversed by the provisions of sub-article 5(2).*
>
> *Therefore, the decision of ARMS, refusing to provide the afore-mentioned requested statement, is justified and in full compliance with the provisions of the Freedom of Information Act.'*

6. A tenur tal-artikolu 39 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-20 ta' Settembru 2013 l-appellat appella quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data.

7. Permezz ta' deċiżjoni li ngħatat fil-15 ta' Diċembru 2016, it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data ddeċieda l-każ billi laqa' l-appell u filwaqt li annulla ddeċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tat-12 ta' Settembru 2013, ordna lill ARMS Ltd tipprovdi l-informazzjoni rikjesta mill-appellant llum appellat.

8. Minn dik id-deċiżjoni appellaw kemm is-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd kif ukoll il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data. Tal-ewwel hu l-mertu tal-appell numru 1/2017 fl-istess ismijiet filwaqt deċiż illum, u **l-appell tal-Kummissarju għall-**

---

[4] **Dok F** a fol. 24 – 25 tal-proċess numru 1/2017 fl-ismijiet premessi.

[5] Hekk kif jirriżulta mid-deċiżjoni eżebita bħala **Dok B** a fol. 11 tal-proċess numru 1/2017 fl-ismijiet premessi.

**Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data hu l-oġġett ta' din is-sentenza**.

9. L-aggravju tal-Kummissarju hu li l-interpretazzjoni tat-terminu *'awtorità pubblika'* li ta t-Tribunal hi żbaljata għaliex it-Tribunal applika l-Artikolu 2 tal-Att ħażin.

10. L-appellat wieġeb illi d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fil-15 ta' Diċembru 2016 għandha tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjoni.**

11. Fl-ewwel lok jiġi osservat li f'dan l-appell inħolqot konfużjoni dwar il-liġi applikabbli in kwantu l-appellant iddikjara li kien qiegħed jappella a tenur tal-artikolu 51 tal-Kap. 440 tal-Liġijiet ta' Malta (ara paragrafu 4 tar-rikors tal-appell).

12. Din il-Qorti qed tifhem li din ir-referenza saret biss fil-kuntest tal-fatt illi l-artikolu 40 tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi li '*deċiżjonijiet tat-Tribunal taħt dan l-Att għandhom ikunu suġġetti għal appell lill-Qorti tal-Appell skont l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data'.* Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att Nru. XX tal-2018, li permezz tiegħu ġie mħassar il-Kap. 440, il-fakoltà ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti kienet toħroġ mill-artikolu 51 tal-imsemmi Kap. 440 u għalhekk biss saret referenza għal dik il-liġi.

13. Pero' mir-rikors tal-appell hu evidenti li l-Kummissarju ibbaża l-appell fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 496 li hu l-liġi rilevanti. Il-Kap 440 ma għandu l-ebda rilevanza oħra għall-każ odjern u fil-fatt ma jagħti l-ebda definizzjoni ta' '*awtorità pubblika'.*

14. Filwaqt li mhuwiex ċar x'irid igħid l-appellat fit-tweġina tiegħu bil-kliem '*is-soċjetà ARMS tinkwadra u għalhekk l-appell tal-appellanti għandu jiġi miċħud',* id-distinzjoni li huwa jislet bejn Awtorità u Korporazzjoni mid-deċiżjoni ***Attard Leonard et Vs L-Awtorita' Ghat-Trasport F'Malta et*** fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-Kap. 440, tmur lil hinn mill-mertu tal-kwistjoni tal-lum.

15. A skans ta' ripetizzjoni inutli din il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet minnha diġa' magħmula fid-deċiżjoni mogħtija llum stess bin-numru 1/2017

fl-istess ismijiet liema kunsiderazzjonijiet għandhom jitqiesu parti integrali minn din id-deċiżjoni ukoll. Minnhom isegwi li:

i. safejn it-Tribunal ordna l-iżvelar tal-informazzjoni rikjesta fuq il-premessa li '*ma jistax jingħad li l-Arms limited hija awtorità pubblika*', id-deċiżjoni appellata hi legalment zbaljata; u

ii. l-Automated Revenue Management Services (ARMS) Ltd hi soċjetà kummerċjali kontrollata mill-Gvern tramite żewġ '*awtoritajiet pubbliċi*', il-Korporazzjoni Enemalta (illum l-Enemalta plc bis-saħħa tal-ATT Nru. XXXIV tal-2014) u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, stabbilita a tenur tal-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba '*kull korp*' stabbilit taħt il-liġi huwa inkluż taħt l-imsemmija definizzjoni.

16. L-appell tal-Kummissarju jieqaf fuq dan il-punt u ma hemm l-ebda aggravju ulterjuri minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata permezz ta' liema t-Tribunal iddeċieda li f'kull każ l-informazzjoni mitluba ma tirrigwardax dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet kummerċjali tal-Arms limited. F'kull kaz il-meritu ta' dan l-appell ġie eżawrit bis-sentenza li ngħatat illum stess fl-appell 1/2017 fl-istess ismijiet.

**Għal dawn il-motivi tiddikjara li wara s-sentenza li ngħatat illum fl-appell numru 1/2017 bejn l-istess partijiet u li biha l-qorti ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tal-15 ta' Diċembru, 2016 kkonfermat id-deċiżjoni tal-appellant, l-appell hu eżawrit. Spejjeż tal-appell a karigu ta' Vella stante li fil-meritu l-appellant kellu raġun.**

Anthony Ellul.